MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2014

Appell Civili Numru. 1269/2003/2

**Sand & Gravel Limited (C337)**

**v.**

**Andrew Scicluna u b'digriet tat-18 ta' Jannar 2005**
**giet kjamata fil-kawza is-socjeta`**
**White Power Company Limited**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni tas-26 ta' Novembru 2003 pprezentata mis-socjeta` attrici li taqra hekk:

“Peress illi l-konvenut huwa debitur lejn is-socjeta` attrici fis-somma ta’ sitt elef, erba’ mija u erbgha u hamsin lira u sebgha u sebghin centezmi (Lm6,454.77) liema somma hija dovuta bhala bilanc fuq prezz ta’ gebel u materjal tal-bini mibjugh u kkonsenjat lill-konvenut fuq ordni tieghu stess, u mhux imhallas, skont kif jidher mill-istatment hawn anness u mmarkat Dok “A”;

“Peress illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas dan id-debitu pero` baqa’ inadempjenti (Dok. B);

“Peress illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut, u fil-fehma tas-socjeta` attrici, il-konvenut m’ghandux eccezzjonijiet x’jaghti kontra t-talba attrici ghall-hlas ta’ l-imsemmi debitu;

“Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qortii m’ghandhiex:

“1. tiddeciedi l-kawza bid-dispenza mis-smiegh a tenur ta’ l-artikolu 167 et seq. tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

“2. tiddikjara illi l-konvenut huwa debitur lejn is-socjeta` attrici fis-somma ta’ sitt elef, erba’ mija u erbgha u hamsin lira u sebgha u sebghin centezmi (Lm6,454.77), liema somma hija dovuta bhala bilanc fuq prezz ta’ gebel u materjal tal-bini mibjugh u kkonsenjat lill-konvenut; u

“3. tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjetá attrici s-somma ta’ sitt elef, erba’ mija u erbgha u hamsin lira u sebgha u sebghin centezmi (Lm6,454.77);

“Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta’ dina c-citazzjoni sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li huwa minn issa stess ngunt ghas-subizzjoni;”

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tad-9 ta’ Frar 2004 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa:
“1. Illi l-eccipjent ma huwiex il-legittimu kontradittur tasw-socjeta` attrici ghaliex huwa qatt ma ghamel negozju mas-socjeta` attrici fil-kapacita` tieghu

personalment u n-negozju li ghamel mas-socjeta` attrici dejjem kien permezz tas-socjeta` White Power Company Limited;

“2. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, it-talbiet tas-socjeta` attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ma ghandhomx jigu milqugha ghaliex mhux minnu li l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta` attrici l-ammont li qed tippretendi. Gia` giet intavolata kawza ohra Citazzjoni Nru. 1268/03GC kontra l-konvenut minn socjeta` ohra rapprezentata mill-istess Emmanuel Aquilina ghall-ammont ta’ LM5,384.90 liema ammont ukoll qieghed jigi kkontestat mill-konvenut.

“Salv eccezzjonijiet ohra.”

Rat id-digriet tat-18 ta’ Ottubru 2004 li biha l-Qorti ordnat li din il-kawza u dik fl-ismijiet **Rainbow Mix Concrete Limited v. Andrew Scicluna (1268/03)** jinstemghu kontestwalment;

Rat id-digriet tat-18 ta’ Jannar 2005 moghti ‘*seduta stante’* li permezz tieghu giet imsejjha fil-kawza is socjeta` White Power Company Limited u l-verbal tas-seduta tal-istess jum li minnu jirrizulta illi l-konvenut prezenti fl-Awla ta ruhu b’notifikat bic-citazzjoni ghan-nom tal-istess socjeta`;

Rat illi l-istess socjeta` imsejjha fil-kawza ma pprezentatx nota tal-eccezzjonijiet u allura giet dikjarata kontumaci skont il-ligi;

Rat is-sentenza tal-Prim’ Awla tal-Qorti Civili moghtija fit-8 ta’ Lulju 2005 li permezz taghha l-Qorti fil-waqt li cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut laqghet it-talbiet attrici u kkundannat lill-konvenut biex ihallas l-ammont mitlub lis-socjeta` attrici bl-imghaxijiet mid-data tas-sentenza u bl-ispejjez kontra tieghu – u dan wara li l-istess Qorti kienet cahdet talba tal-konvenut biex tigi sospiza l-prolazzjoni tas-sentenza biex ikun jista’ jressaq il-provi tieghu;

Rat illi l-konvenut appella kemm mid-digriet li permezz tieghu il-Qorti cahditlu din it-talba u kemm mis-sentenza;

Rat illi permezz tas-sentenza taghha tad-29 ta’ Frar 2008 din il-Qorti laqghet l-appell u rrevokat id-digriet imsemmi u s-sentenza imsemmija u allura regghet baghtet l-atti tal-kawza quddiem il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili biex tiddeciedi fuq it-talbiet attrici wara li tisma’ l-provi tal-konvenut;

Rat is-sentenza ta’ dik il-Qorti moghtija fis-27 ta’ Mejju 2010 li permezz taghha hija ordnat lis-socjeta` konvenuta thallas is-somma ta’ 6,934 euro lis-socjeta` attrici, bl-interessi dekorribbli mid-data tas-sentenza u lliberat lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez ikunu a karigu tas-socjeta` kjamata fil-kawza kwantu ghan-nofs, u n-nofs l-iehor lis-socjeta` attrici;

Il-Qorti waslet ghal din id-decizjoni wara li ghamlet dawn il-konsiderazzjonijiet;
“Illi meta qieset dan l-istat ta’ provi din il-Qorti thoss li gie ppruvat li r-relazzjoni tas-socjeta’ attrici kienet verament mhux mal-konvenut, izda mas-socjeta’ kjamata fil-kawza, u ghalhekk l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut qed jigu milqugha fis-sens hawn deciz u l-istess qed jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju.

“Illi dwar il-kawza fil-konfront tas-socjeta’ kjamata fil-kawza, din il-Qorti xorta ghandha tikkonsidra jekk l-allegazzjonijiet attrici gewx ippruvati ghaliex ghalkemm l-istess socjeta’ kjamata fil-kawza baqghet ma pprezentatx nota ta’ eccezzjonijiet (ghal xi raguni jew ohra), huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza nostrali li l-kontumacja hija opposizzjoni. Fid-dawl ta’ dan jirrizulta mill-affidavit ta’ Andrew Scicluna (Dok. “AS1” esebit a fol. 76 fil-kawza l-ohra) li huwa qed jikkontesta l-ammont ta’ Lm3,478, peress li dan l-ammont jirreferi ghall xoghol ta’ skavar li allegatament sar mis-socjeta’ attrici f’Marsakala li mhux il-mertu ta’ din il-kawza, peress li l-kawzali f’din il-kawza huma biss li l-ammont dovut huwa dak relattiv ghall-prezz ta’ gebel u materjal mibjugh u kkonsenjat mis-socjeta’ attrici lill-konvenut.

“Illi dwar dan din il-Qorti thoss li s-socjeta’ kjamata fil-kawza ghandha ragun ghaliex il-kawza odjerna ma’

tikkoncernax valur ghal xoghol ta’ skavar, kif jidher car mic-citazzjoni attrici u allura l-ammont ta’ Lm3,478 irid jitnaqqas mill-ammont rikjest mis-socjeta’ attrici ghaliex ma’ jifformax il-mertu tat-talbiet attrici.

“Illi ghalhekk in vista ta’ dan jirrizulta li jekk jitnaqqas l-ammont ta’ Lm3,478 mill-ammont mitlub ta’ Lm6,454.77 rikjest f’din il-kawza, l-ammont bilancjali dovut jammonta ghall-Lm2,976.77 ekwivalenti ghal sitt elef, disa’ mija u erbgha u tletin ewro (€6,934) u ghalhekk it-talba attrici qed tigi milqugha fil-konfront tas-socjeta’ kjamata fil-kawza biss fl-ammont ta’ sitt elef, disa’ mija u erbgha u tletin ewro (€6,934) ekwivalenti ghal elfejn, disa’ mija u sitta u sebghin lira Maltija u sebgha u sebghin centezmi (Lm2,976.77)

“Illi ghalhekk in vista tal-premess l-ammont dovut mis-socjeta’ attrici huwa dak fl-ammont ta` €6,934 ekwivalenti ghal Lm2,976.77, u t-tieni u t-tielet talbiet attrici attrici qed jintlaqghu f’dan l-ammont fil-konfront tas-socjeta’ kjamata fil-kawza.

“**III. KONKLUZJONI.**

“Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi **filwaqt li tilqa’ l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut u tillibera lill-istess mill-osservanza tal-gudizzju**, **tilqa’ t-tieni u tielet talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta’ kjamata fil-kawza White Power Company Limited biss kif hawn deciz** b’dan illi:-

“2. Tiddikjara illi s-socjeta’ kjamata fil-kawza White Power Company Limited hija debitrici lejn is-socjeta` attrici fl-ammont ta’ sitt elef, disa’ mija u erbgha u tletin ewro (€6,934) ekwivalenti elfejn, disa’ mija u sitta u sebghin lira Maltija u sebgha u sebghin centezmi (Lm2,976.77) rapprezentanti prezz ta’ gebel u materjal tal-bini mibjugh u kkonsenjat lis-socjeta’ kjamata fil-kawza; u

“3. Tikkundanna lis-socjeta’ kjamata fil-kawza White Power Company Limited thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ ta’ sitt elef, disa’ mija u erbgha u tlettin ewro

(€6,934) ekwivalenti elfejn, disa' mija u sitta u sebghin lira Maltija u sebgha u sebghin centezmi (Lm2,976.77) rapprezentanti prezz ta' gebel u materjal tal-bini mibjugh u kkonsenjat lis-socjeta' kjamata fil-kawza kif hawn deciz.

"Bl-ispejjez tal-konvenut jibqghu a karigu tas-socjeta' attrici, u bl-ispejjez l-ohra jibqghu kwantu ghal nofs (1/2) mis-socjeta' attrici u nofs (1/2) mis-socjeta' kjamata fil-kawza bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' kjamata fil-kawza."

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` attrici li permezz tieghu ikkonkludiet hekk:
"5. Illi s-socjeta` attrici appellanti hasset ruhha aggravata minn dik is-sentenza li minnha qed tinterponi dan l-Appell. Illi l-Aggravju tal-Appellanti huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:-

"i. Illi s-socjeta` appellanti giet palezament ippregudikata mis-sentenza llum appellata specifikament fejn gie deciz mill-Onorabbli Qorti ta' Prim' Istanza illi l-imghaxijiet legali ghandhom jithallsu mid-data tas-sentenza ossija mis-27 ta' Mejju, 2010 sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta` kjamata fil-kawza;

"ii. Illi fic-citazzjoni promotur l-appellanti talbet illi l-appellat jigi kkundannat ihallas is-somma minnu dovuta, <u>bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta' dik ic-citazzjoni</u>;

"iii. Illi nonostante li fis-sentenza llum appellata s-socjeta` kjamata fil-kawza giet ikkundannata thallas somma ridotta minnn dik mitluba fir-rikors prommotur, xorta wahda jibqa' l-fatt illi dan l-ammont konsegwentement kien dejjem dovut sa minn qabel ma giet intavolata l-istess citazzjoni, u ghalhekk m'hemm l-ebda raguni valida fil-ligi ghalfejn l-istess socjeta` attrici appellanti m'ghandhiex tibbenefika mill-imghazijiet legali kif mitluba fic-citazzjoni;

"iv. Illi l-appellanti tirrileva wkoll illi s-socjeta` White Power Company Limited effettivament giet ikkundannata

thallas is-somma ridotta ta' sitt elef, disa' mija u erbgha u tletin ewro (€6,934) – liema somma giet ridotta unikament dovut ghal zvista fl-abbozz tac-citazzjoni fejn gie ommess li parti mill-ammont mitlub kien dovut ghal xoghol ta' skavar u mhux ghall-prezz ta' gebel u materjal mibjugh u kkonsenjat – stante illi l-konvenut appellat Andrew Scicluna eccepixxa illi kienet din is-socjeta` li kienet debitrici u mhux hu personalment u sussegwentement kienet saret it-talba mhux opposta ghal kjamata fil-kawza tas-socjeta` White Power Limited;

"v. Illi dan il-fatt m'ghandux jippregudika d-dritt ghall-imghaxijiet legali dovuti fuq is-somma hekk ridotta sa mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni kif mitlub, jew sa minn gurnata ulterjuri ossija mit-18 ta' Jannar 2005 li fiha s-socjeta` White Power Limited saret partecipi f'dawn il-proceduri;

"Ghaldaqstant is-socjeta` Appellanti, filwaqt li taghmel riferenza ghall-atti kollha tal-kawza u ghar-ragunijiet kollha hawn fuq esposti titlob umilment illi din l-Onorabbli Qorti tal-Appell joghgobha tvarja s-sentenza appellata billi thassar il-kundanna ghall-hlas tal-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza ossija mis-27 ta' Mejju 2010 sad-data sal-pagament effettiv kontra s-socjeta` kjamata fil-kawza u minflok tikkundanna l-istess socjeta` kjamata fil-kawza ghall-hlas tal-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni ossija mis-26 ta' Novembru 2003, sad-data tal-pagament effettiv.

"Bl-ispejjez tal-prezenti kontra l-konvenuta appellata."

Rat ir-risposta tal-atturi tas-7 ta' Lulju 2010 li tghid hekk;
1. "Illi l-esponenti ghadha kemm giet notifikata bir-rikos tal-appell tas-socjeta attrici li ghalih qed issir din ir-risposta. Illi is-sentenza appellata, hlief ghal dak li sejjer jigi sottomess aktar 'l isfel, hija korretta u ghandha tigi konfermata u it-talbiet tar-rikorrenti, kif kontenuti fir-rikors tal-appell taghha, ghandhom michuda kontra taghha bl-ispejjes.

2. “Jinghad, a skans ta' kull ekwivoku, illi in kwantu jirrigwarda il-konvenut Andrew Scicluna jidher bic-car, mill-atti tar-rikors tal-appell innifsu, illi ma sar ebda appell kontra tieghu, avolja jissejjah appellat, u kwindi in kwantu jirrigwarda lilu, is-sentenza hija *res judicata* u ghaldaqstant ma tistax titbiddel u attwalment ma hemm xejn fil-konfront tieghu li ghandu jew li jista' jitbiddel. Jirrizulta car rnit-talbiet tar-rikors tal-appell li l-istess talbiet mhumiex indirizzati kontra il-konvenut fil-kapacita tieghu personali - in fatti fir-rikors tal-appell insibu *"u minflok tikkundanna l-istess socjeta kjamata in kawza ghall-hlas tal-imghaxijiet legali*……… ". Kontra il-konvenut personalment ma hemm l-ebda talba.

3. “Illi imbaghad in kwantu jirrigwarda is-sentenza li ikkundannat lis-socjeta esponenti thallas is-sornma hekk likwidata jidher ukoll li ma hemm assolutament ebda appell.

4. “L-appell jikkoncerna is-sottomissjoni tal-appellant illi l-imghax ma ghandux jiddekorri biss mid-data tas-sentenza izda ghandu jibda jiddekorri mid-data tal-presentata tac-cittazzjoni. Din taghmel differenza sostanzjali billi skont l-appellanti l-imghax kellu jibda jghaddi mill-26 ta' Novembru 2003.

5. “Illi ghalhekk isegwi illi is-socjeta attrici qed tippretendi li ghandha tithallas is-somma ta' €3605.68 u cioe l-imghax bir-rata ta' 08% fuq l-arnmont likwidat mill-Onorabbli Qorti Prim' Awla, kalkolat mid-data tal-presentata tac-cittazzjoni sad-data tal-effettiva sentenza.

6. “Illi wiehed hawn ma iridx jinsa illi originarjament it-talbiet attrici kienu indirizzati biss kontra il-konvenut personalment u kien biss war a li giet presentata in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li is-socjeta attrici has set in-necessita li issejjah fil-kawza lis-socjeta kjamata in kawza White Power Company Limited.

7. “Illi kontra din is-socjeta, peress li ma kienetx citata fil-kawza meta din giet istitwita, certament li ebda imghax ma ghandu jghaddi kontra taghha mid-data tal-

presentata tac-cittazzjoni. Al piu', se mai, jista' jibda jghaddi imghax mid-data li giet kjamata in kawza. In fatti is-socjeta attrici qatt ma ippretendiet li ghandha xi reklam kontra is-socjeta kjamata in kawza u hekk xehed id-direttur ewlieni taghha quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti. Izda is-socjeta appellata esponenti thoss li lanqas ma ghandu jibda jghaddi imghax kontra taghha mid-data li giet kjamata in kawza.

8. “Illi mhux biss, imma, bir-rispett kollu ir-ragunament tas-socjeta appellanti meta tissottometti illi *"l-imghax ghandu jibda jiddekorri mid-data tal-presentata tac-citazzjoni minhabba li l-ammont kien dejjem dovut sa minn qabel ma giet intavolata l-istess citazzjoni u ghalhekk ma hemm l-ebda raguni valida fil-ligi ghalfejn l-istess socjeta attrici ma ghandhiex tibbenefika mill-imghaxijiet legali kif mitluba fic-cittazzjoni"* ma tantx jaghmel sens.

9. “Jigi ribadit illi il-konvenut kontra min is-socjeta attrici kellha reklam gie liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjes kontra is-socjeta attrici. Kwindi il-konvenut kien perfettament korrett li jirrifjuta li jhallas xi somma lis-socjeta attrici.

10. “Is-socjeta kjamata in kawza qatt ma giet mitluba thallas centezmu billi kien il-konvenut li kien mitlub ihallas.

11. “La is-socjeta kjamata in kawza qatt ma giet biss interpellata biex thallas kif tista' is-socjeta appellanti targomenta, validament, li ghandu jiddekorri imghax favur taghha u kontra is-socjeta appellata jekk hija la biss iccitatha u lanqas qatt ma ippretendiet li kellha xi relazzjoni kummercjali maghha?

12. “Mhux biss izda is-socjeta attrici presentat id-dokumenti taghha fil-kors tal-kawza nonostante li il-konvenut kien talabha diversi drabi, qabel ma giet istitwita il-kawza, sabiex tghaddi kopja tad-dokumentazzjoni taghha lill-konvenut sabiex dan jista' jara kemm mill-ammont li kien qed jigi mitlub attwalment huwa dovut u

jekk jirrizulta xi ammont dovut minn min huwa dovut u cioe hux minnu personalment jew minnu fil-kwalita tieghu ta' direttur tas-socjeta kjamata in kawza.

13. “Illi kien wara li attwalment is-socjeta attrici presentat id-dokumenti taghha li setghet is-socjeta kjamata in kawza tara u tivverifika id-dokumenti tas-socjeta attrici ma' dawk taghha u ghaldaqstant il-konvenut u is-socjeta kjamata in kawza kienu perfettament korretti li ma hallsux kif, u fil-hin li gew mitluba jhallsu mis-socjeta attrici.

14. “Illi ghalhekk it-talba tas-socjeta attrici li l-imghax ghandu jiddekorri *ex tunc* mid-data tal-presentata tac-cittazzjoni hija zbaljata u ma tistax tintlaqa' ghax bir-rispett kollu ma taghmilx sens u hija guridikament insostenibbli.

15. “Illi imbaghad qieghed jigi sottomess illi il-parti tas-sentenza fejn akkollat parti mill-ispejjes fuq is-socjeta kjamata in kawza huwa zbaljat. La darba is-socjeta kjamata in kawza qatt ma kienet citata biex thallas, u la darba id-direttur tas-socjeta attrici appellant hass li huwa qatt ma kellu ebda relazzjoni guridika maghha, u la darba is-socjeta kjamata in kawza iddahlet fdawn il-proceduri fil-mori tal-kawza, anke jekk stess irrizulta li hemm xi ammont x'jithallas minnha, dan ma kienx l-ammont reklamat kontra taghha izda anqas u allura kienet perfettament korretta li ma hallsitx ebda somma lis-socjeta attrici u kwindi ma ghandhiex tigi ikkundannata thallas ebda spejjes gudizzjarji.

16. “Ghal dawn il-motivi is-socjeta esponenti filwaqt li taghmel riferenza ghall-atti tal-kawza u tirriserva id-dritt li tressaq dawk il-provi lilha permessi skont il-ligi tiddikkjara li is-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim' Awla Civili, hlief ghall-parti fejn akkollat spejjes fuqha, hija korretta u timmerita konferma u ghaldaqstant li it-talbiet tas-socjeta attrici kif kontenuti fir-rikors tas-socjeta appellanti ghandu jigi michud bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-istess socjeta appellanti.”

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta’ Dicembru 2013 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati trattaw l-appell billi sostanzjalment irriferew ghall atti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti:

Ikkonsidrat;

Illi l-fatti li taw lok ghall-kawza huma spjegati fid-dettal fl-atti msemmija u fid-decizjoni tal-ewwel Qorti u ma hemmx lok li wiehed joqghod jirrepetihom fit-tul. F’dan l-appell, il-kwistjoni hija wahda billi l-aggravju tal-appellanti huwa wiehed u cioe` li l-Qorti kellha tikkundanna lis-socjeta` imsejjha fil-kawza thallas imghaxijiet mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni u mhux mid-data tas-sentenza.

Ma hemmx dubbju illi normalment il-Qrati taghna jimxu mal-principju ‘*in illiquidis non fit mora’*. Madankollu kif gie espress per ezempju fis-sentenza fl-ismijiet **Citadel Insurance v. Johan Ciantar** (**Prim’ Awla – 20 ta’ Gunju 2002**) li *meta talba ghall-hlas ta’ danni hija maghrufa jew facilment determinabbli sa minn qabel jibdew il-proceduri gudizzjarji li jkollhom jittiehdu biex jintalab dak il-hlas, l-imghax ghandu jiddekorri minn dak in-nhar li ssir l-ewwel intima b’att gudizzjarju (jekk dan ikun sar) u mhix minn dak in-nhar li eventwalment tinghata s-sentenza li tikkonferma dak l-ammont.*

Il-kaz in ezami kif inghad ma jirrigwardjax talba fejn il-Qorti intalbet tillikwida ammont dovut lill-appellanti izda talba ghal somma determinata u s-socjeta` attrici talbet ukoll li tithallas l-imghaxijiet mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni. Il-Qorti laqghet it-talba, sia pure ta’ somma anqas minn dik mitluba. Infatti anke meta giet biex tiddeciedi dwar l-ispejjez tal-kawza, hija qasmithom piu o meno skont il-proporzjon tas-somma li hija iddecidiet li kienet dovuta fir rigward ta’ dik mitluba. Madankollu hija ordnat li l-imghaxijiet jibdew jiddekorru mid-data tas-sentenza nnifisha. Huwa ghalhekk li s-socjeta` appellanti

qed titlob il-varjazzjoni ta' din il-parti tas-sentenza billi din il-Qorti tordna li l-imghaxijiet jibdew jiddekorru kif talbet hija stess fic-citazzjoni.

Il-Qorti taqbel mal-lanjanza tas-socjeta` appellanti li ma kien hemm ebda raguni ghaliex l-imghax kellu jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza. Ghandu jigi osservat – ghalkemm ghal xi raguni dan ma ssemmiex fir-rikors tal-appell – li s-socjeta` imsejjha fil-kawza hija ukoll entita` kummercjali u allura kull obligazzjoni li tidhol ghaliha hija necessarjament wahda kummercjali. Ghalhekk isegwi li japplika l-Artikolu 1141 (1) tal-Kodici Civili u l-imghaxijiet jiddekorru minn meta d-debitu jkun dovut.

Fil-kawza fl-ismijiet **Brincat v. Caruana** (Appell Inferjuri – 23 ta' Gunju 2004) gie osservat;
"..... jinsab ritenut fid-decizjoni riportata a **Vol XXXVIII pIII p 642**, fuq l-insenjament tal-gurisprudenza u d-dottrina taljana, illi "debitu kummercjali likwidu u ezigibbli ta' somma ta' flus jipproduci interessi "di pieno diritto". Jissokta jigi precizat illi "il sol fatto che il creditore non abbia chiesto gli interessi, costituenti per legge un credito liquido, non importa rinuncia ai medesimi". Dan ghaliex il-kreditur ta' debitu skadut huwa "di pieno diritto kreditur anke tal-interessi dekorsi mill-gurnata ta' l-iskadenza sa dak tal-pagament".

Anke pero` jekk dan l-argument jigi skartat, ma kien hemm ebda raguni ghaliex l-imghaxijiet kellhom jibdew jghaddu mid-data tas-sentenza u mhux kif mitlub fic-citazzjoni. Meta parti tigi msejjha fil-kawza hija titqies bhala konvenut/a f'dik il-kawza u allura trid tirrispondi bhala tali. It-talba allura kontenuta fl-att promotur tibda topera ukoll fil-konfront ta' min jigi kjamat. Naturalment il-kjamat jista' jinvoka favur tieghu eccezzjonijiet naxxenti min-notifika tal-att promotur li tkun sehhet wara n notifika tal-konvenut originali u eccezzjonjiet ohra partikolari ghalih, izda ma jistax jahrab mid decizjoni tal-Qorti jekk din tikkundanna lilu u dan japplika ghall-effetti taghha kompriz il-kundanna ghall-hlas tal-imghax skont it-talba.

L-argument tas-socjeta` appellata li hija ma ntalbitx il-hlas u allura ma ghandhiex thallas imghax ma jregix. Fis-sentenza riportata fil-**Vol. XXXIX-parti 2 pagna 585**, gie spjegat li biex id-debitur jehles mill-obligazzjoni li jhallas l-imghaxijiet irid jipprova li huwa ma setax jadempja l-obligazzjoni – f'dan il-kaz li jhallas l-ammont dovut – minhabba ragunijiet estranji ghalih. Huwa appuntu ghalhekk li meta l-ammont dovut ma jkunx maghruf ma jibdewx jghaddu imghaxijiet u jigi applikat il-principju *in illiquidis non fit mora* – ghaliex id-debitur ma jistax ihallas ammont li ma jafx kemm hu. (**Alfred Schembri v. Dottor Louis Buhagiar** – Qorti tal-Appell, 28 ta' Frar 1997).

F'dan il-kaz jirrizulta mill-atti li ghalkemm il-Qorti sabet li l-ammont mitlub ma kienx dovut kollu, s-socjeta` attrici talbet hlas ta' somma determinata u s-socjeta` konvenuta kellha tkun taf li kienet debitrici taghha anke jekk ghall-ammont inqas minn dak mitlub. Madankollu hija ma ghamlet xejn biex tissalda d-debitu taghha – wara kollox min ikun debitur huwa obligat li jissalda dak id-debitu minnufih li il-hlas tieghu isir dovut. Is-socjeta` attrici imbaghad se thallas ghall-fatt li talbet aktar mill-hlas effettivament dovut billi thallas nofs l-ispejjez tal-Prim Istanza.

Is-socjeta` konvenuta ilmentat li giet akkollata nofs l-ispejjez fis-sentenza appellata madankollu ma ipprezentatx appell incidentali u ghalhekk f'dan l-aspett (lanqas ma saret talba fir-rigward fir-rikors tal-appell) is-sentenza ghaddiet in gudikat, kif ghaddiet in gudikat dik il-parti illi illiberat lill-konvenut Scicluna mill-osservanza tal-gudizzju.

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti tiddeciedi l-appell tas-socjeta` attrici billi tilqghu u tvarja s-sentenza appellata billi tikkundanna lis-socjeta` imsejjha fil-kawza biex thallas l-imghaxijiet fuq is-somma dovuta skont l-istess sentenza mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni u cioe` mis-26 ta' Novembru 2003 minflok kif deciz f'dik is-sentenza li fil-partijiet kollha l-ohra taghha tibqa' ferma stante li ghaddiet in gudikat.

L-ispejjez tal-appell a kariku tas-socjeta` imsejjha fil-kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------